# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 58

5 ta' Settembru, 2023

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1:30pm

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier
Joseph Bajda – Kunsillier
Francesca Borg – Ambaxxatur taz- Zghazagh

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Ma kienx hemm

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marie Josette Vella Magro – Agent Segretarju Eżekuttiv

# Aġenda Nru. 58

58.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
58.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 57
58.3 Aġġornament dwar il-proġett ta' pavimentar u rinovar ta' Pjazza Santa Margerita;
58.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;
58.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
58.6 Komunikazzjoni
58.7 Ilmenti u Suġġerimenti;
58.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru.8/2023;
58.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 58.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

58.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji

## 58.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 57

58.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħat preċedenti Nru. 57 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Il-Viċi Sindku ġibdet l-attenzzjoni li l-ħin tal-laqgħa preċedenti fuq il-minuti ma kienx korrett. Din il-korrezzjoni ġiet irranġata.Is-Sindku kkjarifika li fil-minuti kien hemm miktub li kienet se jsir ħofra , pero li kien se jiġri is-service culvert kien se jiġi estiż fejn id-dar ta' l-arċipriet. Il-kunsillier Tewma rrimarka li f' waħda mill-punti tal-minuti li ssemmiet fil-laqgħa ma kienx hemm miktub min kien il-kunsillier li ressaq dak l-ilment. Il-kunsillier Tewma se jibgħat emejl lill-aġent segretarja b'din il-korrezzjoni meħtieġa. Dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mid-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## Aġġornament dwar il-proġett ta' pavimentar u rinovar ta' Pjazza Santa Margerita

Is-Sindku għarraf lill-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-proġett ta' riġenerazzjoni fi Pjazza Santa Margerita.

Is-Sindku beda l-aġġornament tiegħu, billi qal li l-ħaddiema li qed jaħdmu fil-pjazza qegħdin bil-leave minħabba l-festa tax-Xagħra skond kif infurmah il-kuntrattur. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur li d-deadlines stabilliti jridu jiġu rispettati, jiġifieri sa' l-aħħar t'Ottubru. Il-perit tal-Kuntrattur intaqa' mal-perit tal-kunsill u flimkien irrividew id-disinn tal-bonovostri kif kien imsemmi waqt laqgħa preċedenti tal-kunsill. Il-perit tal-kunsill saħaq ukoll biex isir sample tal-bonavostra ħalli tkun tista tingħata l-approvazzjoni, kif ukoll il- kunsill kien ipprovda moll sħiħ 'to scale' biex imexxi miegħu.

Il-pavimentar ħa jibda fl-10 ta'Settembru minn ħaddiema Taljani li se jkunu madwar ħmistax u għoxrin persuna. L-aġent segretarja staqsiet hiex se tingħalaq il-pjazza waqt it-tqejid tal-pavimentar, bis-Sindku jwieġeb li l-pavimentar se jsir biċċa biċċa u partijiet mill-pjazza tista' tingħalaq skond l-esiġenzi neċessarji. Ġie rrimarkat, li jekk il-pavimentar se jibda minn Triq Dun Xand Aquilina, trid tintbagħat nota lir-residenzi ta' Triq Ta' Ċenċ li din it-triq b'mod temporanju se tkun 'two ways' u għalhekk mhux permess li jsir ipparkjar ta' karozzi fit-triq. Il-viċi Sindku saqsiet kemm irid jgħaddi żmien mit-tqejid tal-pavimentar biex ikunu jistew jgħaddu l-karozzi speċjalment il-vetturi kbar minn fuqu, bis-Sindku jwieġeb li l-perit irid jgħaddi din l-informazzjoni meħtieġa. Il-kunsillier Bajada ssuġġerixxa li jibda l-pavimentar tal-bankini l-ewwel minn naħa imbagħad imur għal naħa l-oħra. Is-Sindku saħaq li s-sodda tal-konkos fl-opinjoni tiegħu, anki ukoll għal-fatt li tpoġġiet xibka doppja fuq il-wiċċ tal-blat u t-

tip ta’ materjal użat hija reżistenti ħafna. Pero wieħed irid isemmi ukoll f’dan il-każ, l-importanza tal-‘cushion’ bejn il-cement u l-pavimentar hija fundamentali.

Il-kunsillier Bajada saqsa fuq il-materjal li se jintuża għal-bini mill-ġdid tas-salib fil-pjazza Santa Margerita, jiġifieri hux se jkun mill-ġebla tal-qawwi, bis-Sindku jwieġeb fl-affermattiv. Is-Sindku kompla billi qal li l-perit kelli jibgħat il-pjanti lill-kuntrattur. Il-kunsillier Tewma saqsa fuq l-iskavar taL-ġibjun, bis-Sindku jgħid li għadhom qed jistennew mill-SEH, pero ma jistewx jibqew jistennew ħafna għax issa irid jingħalaq il-proġett. Is-Sindku saħaq mal-perit biex jagħti l-ispesifikazzjoni meħtieġa biex ikun jista joħroġ it-tender ta’ l-għamara tal-pjazza. Dan għal fatt ukoll li Jekk jinvolvi tip ta’ disinni partikolari, dan irid jinħadem u konsegwentement se jieħu l-ħin tiegħu . Il-fanali u l-light fittings flimkien ma l-arbli waslu kollha, u fil-fatt Il-kuntrattur jixtieq li jibda jwaħħal l-fanali minn salib it-toroq ta’triq Sannat. Madankollu, l-cable meħtieġ mingħand l-enemalta biex jgħaddi mis-service culvert għadu mhux disponibbli u lanqas hemm indikazzjoni meta se jaslu. L-inġinier ta’ l-enemalta informa lis-Sindku, li l-ordni isir minn naħa ta’ Malta u għalhekk ftit għandu informazzjoni. L-aġent segretarja saqsiet hux se jieqaf ix-xogħol għal-fatt li mhemmx dan it-tip ta cable disponibbli. Is-Sindku saħaq li l-infrastruttura hija lesta, u dan il-cable se jgħaddi mis-service culvert u jiġi kkumnikat kollox minn taħt, b’hekk ikunu jistew jiġu mneħħija l-aerial wires u cables.

Kif ġie spjegat fl-aħħar laqgħa bi qbil unanimu mill-kunsillieri, l-istaff tal Kunsill kellem lill-kuntrattur li se jagħmel l-ittri biex tara jekk il-kwotazzjoni li kienet inħarget għaddiex valida. Il-kuntrattur inkarigat nforma li din għadha valida minkejja li kien hemm miktub li l-kwotazzjoni hija tajba għal xahar biss. Il-kwotazzjoni hija ta’ 8,000 euro Vat mhux inkluża.

Is-Sindku qal li jridu jiċċekjaw kif jinsabu fl-estimi ta’ l-ispejjeż għal fatt ta’ xi varjazzjoni mit-tender oriġinali maħruġ, pero jinsab kunfidenti li l-kwotazzjoni msemmija tista’ tkun inkluża. Il-kunsill diġa talab lill-Ministeru għal Għawdex fuq din- il kwotazzjoni biex tkun mehmuża, bil-kunsill għadu jistenna risposta.

## Komunikazzjoni mis-Sindku

Rigward ic-charging pillars, is-sindku talab laqgħa ‘on-site’ ma min kien qed jikkorispondi miegħu permezz ta’ emejls, biex jiġi diskuss fejn għandhom jiġu nstallati charging pillars fil-lokalita. Il-kunsill fil-laqgħa preċedenti kien qabel li dawn għandħom jiġu nstallati waħda quddiem il-latrina pubblika, oħra fi triq 28 t’April, waqt li t-tielet waħda hi proposta fi pjazza ta’ Ċenċ. Is-Sindku stieden lill-kunsillieri li jekk ikun jaf minn qabel id-data u l-ħin fuq din il-laqgħa meta se jsir ikunu jistew jattendu. Din il-laqgħa tirrigwardja l-infrastruttura meħtieġa u jkun jista jiġi deċizi jistewx jiġu nstallati fil-postijiet indikati mill-kunsill.

Il-kunsill rċieva DNO fuq il-belvedere ta’ Triq 28 t’April u għalhekk issa hemm il-permessi meħtieġa. Dan il-proġett se jinkorpora li se jinqala r-railing eżistenti, jitneħħa ċint u jsiru planters bil-pjanti biex ikun hemm iktar greenery. Rigward dawl artifiċjali, huwa propost li jsiru aktar fanali għal-fatt ukoll li hemm nuqqas ta’ dawl. L-inġinier issuġerixxa li ma jsirux fanal ta’ bi tnejn, iżda fanali Bozza waħda LED li titfa’ certu dawl fiss. Il-kunsill issa jrid jagħmel il-proġettazzjoni finanzjarja ta’ dan il-proġett, biex din tiġi proposta lill-ministeru għal Ġħawdex biex jinħarġu l-fondi meħtieġa. It-talba biex jintuża l-porfido aħmar tal-pavimentar li kien baqa mil-pavimentar ta’ pjazza San Franġisk ġiet aċċettata biex hekk tkun tista’ tinqala l-bankina u jitwaħħal l-porfido. Ha tiżdied siġra oħra fin-nofs u l-bin taż-zibel se jmur fil-ġenb, dan għal-fatt li daħlu lmenti fuq l-irwejjaħ ta’ dawn il-bins.

L-applikazzjoni tal-kameras tas-sigurta ġiet sottomessa, bid-dipartiment jitlob kjarifika fuq ċertu spesifikazzjonijiet li ngħataw mill-kunsill. Mid-dipartiment talbu wkoll l-minuti tal-laqgħa tal-kunsill, fejn hemm imniżżel li sar qbil unanimu mill-kunsillieri li għandhom jiġu nstallati kameras tas-sigurta fil-lokal. Il-Kunsill qed jipproponi li jitwaħħlu disgħa kameras tas-sigurta, li jinkludu tnejn fid-daħla ta' Sannat road, waħda fil-playing field, tnejn fil-pjazzetta Coco Palmieri, waħda fi triq Seguna dan għal-fatt li qed ikun hemm abbuż ta' skart illegali, oħra se teħel fi triq Bequnaq fejn il-bring in site għal-fatt ukoll li qed jintrema xi skart, speċjalment boroz suwed.

Issemma wkoll li l-ħaddiema assenjati mal-kunsill għandhom jzommu l-iskeda li għandhom ta' tindif madwar ir-raħal. Is-Sindku ntaqa numru ta' drabi ma' dawn il-ħaddiema u saħaq magħhom li għandha tinżamm l-iskeda ta' tindif assenjata.Il-kunsill se jipprepara l-iskeda tat-tindif lil kull ħaddiem partikulari li biex din tingħata lilhom. Is-Sindku rrimarka li l-kunsill għandu ħaddiem assenjat Joseph Hili li anki jekk ma jkunx qiegħed fil-postijiet fil-responsabilta tiegħu jieħu l-inizjattiva u jbattal l-bins taż-żibel flimkien ma naturalment mat-tindif skond l-iskeda li ngħatat.

Is-Sindku, l-ħamis li ġej se jkun mal-ħaddiema u l-ħaddiem mill-Ministeru għal Għawdex fi Ġnien il-bidwi, fejn ser jsir xogħol ta tindif u jinqata ħaxix ħażin li hemm preżenti fil-ġnien, li ġiet notifikata b'ritratti li ntbagħtu lill-kunsill. Fir-rigward manutenzjoni, ħaddiem tal-kunsill se jiżbogħ il-bibien u l-banikjiet li jinsabu fil-ġnien. Is-Sindku tkellem mas-sezzjoni tal-mastrudaxxi fi ħdan il-Ministeru għal- Għawdex, biex tinbidel picnic table li ġiet vandalizzata. Se jitħawwlu wkoll xi siġar li hemm neqsin fil-ġnien u se jsir qarniċċ tal-qasab ġdid biex iservi bħala lqugħ mir-riħ għal-frott, wara li dak preżenti inqala u nqaleb. Resident fil-viċinanzi ukoll lmenta li qed jidħollu l-ilma fil-garaxx, bil-kunsill qabel li tinġabar kwotazzjoni biex jitnaddaf il-ħamrija permezz ta' gaffa zgħira, jsir membrane u  shattering tal-konkos biex jitneħħa dan l-inkonvenjent.

Il-kunsill ha jerġa joħroġ is-sejħa għax-xiri ta' trakk elettriku, wara li fis-sejħa preċedenti ma kien hemm l-ebda offerta mitfuha. Jekk jerġa ma jkunx hemm offerti, l-kunsill se jitlob lid-dipartiment biex il-kunsill jkun jista jixtri dan it-trakk permezz ta' direct order għax inkella se jintilfu l-fondi mir-reġjun t'għawdex li hemm għad-dispozizzjoni.

Rigward il-ġnien tal-vittmi tal-gwerra hemm fondi ta 25,000 euro mir-reġjun biex dan jigi rinovat. Is-Sindku irid jitkellem mal-perit fuq iċ-ċint preżenti jekk għandux jinbidel jew isir xi tip ta' kisi, u fil-kaz li jinqala liema materjal għandu jiġi wzat preferibilment tkun ġebla tal-qawwi. Trid tiġi aġġudikata t-tender tal-pavimentar li l-kunsill ħareġ riċentement, huwa propost li jitwaħħlu żewġ fanali LED's biex jinbidlu dawk prezenti, jitpoġġew tip ta' pots bil-pjanti fuq iċ-ċint. Il-kunsillier Bajada rrimarka li dak il-bieb, cioe' il ftuh fil perimetru, li hemm faċċata għandu jingħalaq bil-ġebel, bis-Sindku anki jirrimarka fuq il-bieb tal-ġenb li jista jkun ta' periklu wkoll jekk joħroġ xi ħadd għal got-triq.

Is-Sindku ġibed l-attenzzjoni lill-ħaddiema tas-sezzjoni tal-manutenzzjoni fi ħdan il-ministeru għal Għawdex, biex jinżebghu linji u sinjali tat-traffiku (35km speeding zone) speċjalment fi triq il-kbira u triq ta' Ċenċ, għal-fatt li qed ikun hemm sewqan eċċessiv. Il-kunsillier Bajada semma ukoll li qed jitilghu numru ta' Quad bikes minn triq Seguna wrong-way**.**

Is-Sindku saħaq li għandhom jinfurmaw għal darba oħra lill-Google li Triq il-Kbira ma jisimhiex Triq il-Kalkara tal-ġir, l-pjazza jisimha pjazza Santa Margerita, u fejn hemm il-bini tal-kunsill mhijiex Ċenċ street imma Sannat road.

Is-Sindku qal li l-kunsill għadu kemm rċieva l-kuntratt tat-tiġrija taż-żwiemel, se jsiru xi korrezzjonijiet u jiġi ffirmat mill-segretarju eżekuttiv preċedenti.

GAGF għadha kemm għalqet il-konsultazzjoni u li minnhom ħargu erbgħa miżuri li wieħed jista japplika fuqhom li jinkludu kultura,healty lifestyle etċ. Ħaġa li nbidlet mill-miżuri preċedenti hija li issa kemm NGO u kemm kunsill jistew japplikaw individwalment, pero ikun hemm aktar punti jekk tkun xi ħaġa konġunta. Din l-istrateġija issa ħarget għal konsultazzjoni u eventwalment joħorġu l-fondi disponibbli mis-sena d-dieħla. GAGF se tibgħat formula biex il-kunsill jirrikmanda li din l-istrateġija għandha tiġi approvata**.**

Rigward il-polza ta' l-assigurazzjoni tat-trakk, is-sindku se jagħmel it-trasferiment tas-sid tal-vettura msemmija ghal fuq ismu, Philip Vella, minn fuq is-segretarju eżekuttiv preċedenti sakemm jinħatar segretarju eżekuttiv ġdid.

## Komunikazzjoni

L-aġent segretarja rrimarkat li l-kunsill rċieva emejl rigward żbilanċ finanzjarju fl-operat tal-kunsill u din għandha tinqara waqt il-laqgħa tal-kunsill. Is-Sindku u l-Viċi Sindku qalu li din ġiet msemmija f'laqgħa preċedenti fejn kienet preżenti Pauliana Said accountant tal-kunsill. Il-kunsill diġa ħa azzjoni billi l-kuntratt tal-knis mal-kuntrattur waqaf u qed isir mill-ħaddiema tal-kunsill, kif wkoll spiċċa l-kuntratt tal-public convenience. Bħala attivitajiet kulturali li jiġu organizzati , l-kunsill qed iġib fondi disponibbli addizzjonali biex jittellew dawn l-attivitajiet u jillimitaw l-ispejjeż.

L-aġent segretarja qalet li l-kunsill rcieva financial statement ta quarter 2 li se tintbagħat kif stipulat. Is-Sa Said l-accountant tal-kunsill ġibdet l-attenzjoni biex jingabru 3 kwotazzjonijiet għal kull attivita mtella mill-kunsill fejn jidhlu spejjeż. Is-Sindku qal li kwotazzjoni dejjem jinġabru, pero fejn jidħlu kantanti u gruppi mużikali trid tkun prattiku għaliex hemmhekk tidħol id-disponibilita tad-data ta' l-attivita minn naħa tagħhom u anki possibilita ta' fondi li jistew ikunu aġġudikati.

## Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk kienx hemm xi mistoqsijiet.

Il-kunsillier Tewma saqsa fuq l-attivita kulturali t'Ottubru fi Gnien il-Gwerra kif kien issemma fil-laqgħat preċedenti. Is-Sindku kellem lill-kumitat tal-banda biex itellew kunċert zgħir l-Ħadd 8 t'Ottubru, titpoġġa kuruna bil-ward kommemorattiva, u se jiġi mistieden is-Sur Henry Frendo li qed joqgħod fir-raħal ta' Sannat, studjuż ta' l-istorja, biex jitkellem fuq dan l-avveniment. Is-Sindku se jitkellem mal-kap ta' l-iskola ta' Sannat biex jistieden lit-tfal tal-

ħames u s-sitt sena biex iżuru dan il-post fl-10 ta' ottubru bħal ma ġara s-sena l-oħra u jsir ċerimonja zgħira ta' din l-okkazzjoni.

## Ilmenti u Suġġerimenti

Resident qed jilmenta li fi Sqaq Dun Anastas fi triq ta' Ċenċ qed ikun hemm vetturi li qed jagħlqu l-aċċess ta' dan l-isqaq . Ir-resident qed jitlab li jsir tabella biex ma jkunx hemm tfixkil fl-aċċess għal dan l-isqaq. Dan l-ilment kien diġa tressaq f'xi laqgħa preċedenti.

B' referenza għall-ilment numru 28/2023, residenta qed tilmenta rigward il-bankina ta' quddiem il-ħanut tagħha 'Ta' Rosina' minħabba d-diżlivell li hemm u qed tgħid li weġġew xi nies. Is-sindku qal li din il-bankina inqalet xi tliet darbiet, bl-aħħar waħda fil-presenza tal-perit u r-resident in kwistjoni. Il-kunsill se jitlob lill-perit biex jikteb spjegazzjoni għala il-bankina msemmija hija ppjantata b'dan il-mod u r-raġunijiet għala l-perit mhux jaqbel li jsir tarġa kif mitlub min din ir-resident msemmija.

B' referenza għall-ilment numru 29/2023, is-Sinjura Marie Josette Vella Magro talbet li jerġa jinżebah l-*Blue Badge Parking Bay* fi Triq l-20 ta' Lulju. Hija talbet ukoll jistax jintbagħat il-pulizija jwiddeb lil persuni li qegħdin jipparkjaw mingħajr *Blue Badge* fl-istess *parking bay*. Hija issuġerit li tintbagħat nota lir-residenti sabiex jirrispettaw persuni bi bżonnijiet speċjali. Is-Sindku qal li hemm kumitat fi ħdan it-Transport Malta li jiddeċiedi għandiex isir blue badge parking bay, u l-pulizija hija responsabbli li tħarrek persuni li mgħandhomx il-badge li jipparkjaw f'dawn il-parkings. Il-kunsill qabel li jsir kampanja edukattiva fuq facebook , li tkun tinkludi xi tfisser blue badge, fejn residenti jistew japplikaw il-blue badge u aktar informazzjoni relatata ma' dan is-suġġett.

Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward ħaxix ħażin fi Triq Dun Luqa.

Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward bank imkisser fi Triq Dun Luqa u rigward żewġ bankijiet fi Triq Xabbata li ma jistawx jiġu utilizzati peress li qed ikunu ingubrati b'ħafna kaxxi tal-kartun. Il-Community Policeman kellem li xi residenti rigward dan il-fatt.

Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward ħaxix ħażin fi Triq il-Kalkara tal-Ġir.

Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward siġra fi Triq Mġarr ix-Xini li għandha friegħi ħafna l-barra. Is-Sindku qal li fi triq il-Kbira u triq Bardan hemm żewġ siġar tal-ħarrub li jridu jinżabru u qed ikunu ta' ostaklu. Il-kunsill saħaq li dawn għandhom jinżabru mill-aktar fis biex jiġi evitat xi incident, naturalment bil-permessi meħtieġa maħruġa mill-ERA.

Il-Kunsill irċieva imjel mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward tabelli tas-sinjali tat-traffiku li għandhom bżonn il-bdil fi Triq Ta' Ċenċ. Dawn ġew mibdula.

Il-Kunsill irċieva imjel mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward il-Ġnien tal-Bidwi li għandu bżonn tindif u manutenzjoni.

Il-Kunsill irċieva imjel mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward ħajt imwaqqa fi Triq Durell fejn il-bring in sites.

Il-Kunsill irċieva imejl mingħand residenta li toqgħod fi Skerla rigward skart li ma inġabarx f din it-triq.

Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward tabella mkissra fi Triq il-Blat.

Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward fanal mkisser fi Triq 28 ta' April. Din issemmiet waqt din il-laqgħa u ngħatat kjarifika minn naħa tal-kunsill.

Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward skart fi Triq Xagħman.

Resident talab li jiġi rranġat l-ħajt tal-għalqa tiegħu fi Triq Bardan. . Din it-talba intbagħtet lil MGOZ permess tas-sistema tal-*Works Request System* sabiex ikun jista jsir dan.

Resident li joqgħod fi Pjazza Santa Margerita innota li is-siġra tal-awrikarja meta tissaqa mhix qedgħa tilqa ilma biżżejjed .

Is-Sindku saqsa lill-aġent segretarja rigward l-'art work' tal-fuljett li se jintbagħat fid-djar tar-residenti rigward l-iskeda tat-tindif fil-lokalita ta' Sannat. L-aġent segretarja qalet li qed tistenna mingħand is-sindku nnifsu biex din tiġi diskussa.

## Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru.8/2023

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru.8/2023 li ntbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija mill-Viċi Sindku Galea Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-Kunsillier Tewma u ssekondata mill-Kunsillier Gauci. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-2:56p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 17 t'Ottubru, fis-1.30pm

Konfermati, illum 17 ta' Ottubru,2023

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Philip Vella<br>Sindku | Marie Josette Vella Magro<br>Aġent Segretarju |